# PAWLU BELLANTI

Malti bin il-Maltin, minn dawk li mxew il-quddiem b'rashom gholja, u għexu m'hux għalihom biss imma għal ġid għajrhom u ta' l-art li rat twelidhom. Miet nhar il-Ħadd 13 ta' Frar 1927. Kull min għandu ftit tal-għira għall-Malti jaf min hu Bellanti li fittex sa minn żgħożitu li jġib il-quddiem lil niesna u lil ilsienhom.

Imdaħħal f'kull xirka li saret biex il-Malti jkun imgħallem u miktub kif imiss, insibuh ma' dawk l-ewlenin ħaddiema tax-Xirka Xemija (1885) ixandru "*is-Sebh*" u l-"*Qari għall-Maltin*"; Preca, Tagliaferro, Casolani, Fabriz Borg, Patri Magri, Cachia, Bellanti u tant oħrajn li riedu bil-Malti jaslu biex igħallmu s-sewwa lill-ħaddiem u lil dawk kollha li ma jaqrawx bi lsien ieħor. Insibuh, fost l-ewlenin tal-"*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*" u wieħed minn tal-Kummissjoni għal l-ortografija tagħha.

Min ma qarax xi ħaġa ħelwa tiegħu fil-"*Qari għall-Maltin*" u fil-ġabra tal-Kotba tas-sur Fons Galea, bħal ma hi *Marjanna Fumi?* (1900). Moħħu kien jibri dejjem fuq niesna ta' l-ewwel u l-oqbra tagħhom; fittex oqbra, qejjes u ħażżeż biex kiteb dik il-ġawhra ta' ktieb "*Malta Qadima*" (1913) li kull Malti jmissu jżomm quddiemu.

Biex il-barranin jitgħallmu wkoll fuq niesna ta' l-ewwel, kiteb ktieb akbar bl-ingliż "*Studies in Maltese History*" (1924)

Hadd ma jaf x'kiteb fil-ġurnali għax ismu ma kienx iħobb ixandru, iżda fejn sata' jagħmel nitfa ġid kien dejjem minn ta' l-ewwel.

Midhi bit-tagħlim tal-Knisja, qaleb, b'dehen ta' nisrani, l-enċiklika *Rerum Novarum* tal-Papa bil-malti (1921) u fil-*Habib* xammar dejjem għal nisel il-Maltin, għal ġiehom u għal dinhom.

Dan għal dak li hu *Malti.* X'għamel mal-Gvern li rħielu xogħol minn l-irqaq f'idejh, jafu kullħadd; x'qalb ta' qaddis kellu jafuh ħbiebu u kull min kellu x'jaqsam miegħu u dawn ma jistgħux jinsewh sa ma jmutu. Alla jatih il-Ġenna li kienet tistħoqqlu.

T. Z.

# ID-DUBBIENA

Sa ftit taż-żmien ilu wieħed kien jaħsibha tajjeb jekk dubbiena għandhiex tinqered; imma l-lum, bid-dawl tax-xjenza sibna li d-dubbiena hija waħda mill-mezzi l-aktar qawwija biex ixxerred il-mard qalb il-bnedmin, bħal ma huma: *id-deni tifu, id-disenterija, il-ġidri, id-difterite il-korla, it-traċna* u mard ieħor. U dan kif? Isimgħuni u ngħidulkom fil-qasir. Nitħaddet biss fuq id-dubbiena tad-dar, (*Musca domestica)* li tinsab fid-dinja kollha. Dak li ngħid biex neqirduha jiswa għal l-oħrajn ukoll.

## STORJA TAD-DUBBIENA

Il-koll nafuha: kullħadd jaf kemm hija sikkanti, kemm hija moqżieża. Twila daqs ċentimetru, b'kulur aħdar-griż, u b'żewġ ġwienaħ, issibha fid-djar, fil-għorfa, fl-istalla, fuq xi miżbla. Fix-xitwa baħħ għal kollox: dawk il ftit li jibqgħu ħajjin jistaħbew ġewwa xi xaqq fid-djar jew fil-kampanja; oħrajn jibqgħu ġewwa l-fosdqa tagħhom li sa dak iż-żmien tkun għadha ma fesdqietx! Malli jibda riesaq Marzu, ma' l-ewwel sħana dawk li jkunu għaddew ix-xitwa magħna jibdew jitfaċċaw u tarahom wara xi żgħieġa għas-sħana, nofshom mejtin tant kemm ikunu fjakki. *Issa huwa l-ewwel waqt li neqirdu d-dubbiena, għax kull dubbiena mara meqruda tfisser li aħna nkunu naqqasna ftit MILJUNI ta' dubbien għall-ħabta ta' Awissu!!* Il-għaliex għandkom tkunu tafu li d-dubbiena, malli xxomm is-sħana tibda tfittex fejn tbit; u ma tfittixx irkejjen puliti, imma maħmuġin, biex id-dud li jitwieled ikollu mnejn jiekol. U d-dubbiena ma hiex bħal ħafna insetti oħra, li meta jbidu darba jmutu; le, id-dubbiena tbid kemm-il-darba ma' tul is-sajf, u n-nisel ta' dubbiena waħda, ma' tul is-sajf ġie magħdud u sabu li dana in-nisel jati tmintax-il biljun bajda (18,000,000,000,000). Alla jħares dan il-bajd kollu kien ifaqqas! Ħafna ħwejjeġ tal-qerda, maħluqin min-natura stess, inaqqsu bil-bosta dan il-għadd! Aktarx id-dubbiena tbid minn tmenin sa mija u għoxrin bajda, li wara tnax jew erbgħa u għoxrin siegħa (skond is-sħana) ifaqqsu. Tara geġwiġija ta' dud, abjad bħal madriperla, li wara ftit ġranet ma jibqâx jitħarrek, isir ta' kulur skur u jrabbi l-fosdqa. Wara ftit ġranet toħroġ minnha d-dubbiena.